22002D0006

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 6/2002

ta' l-1 ta' Frar 2002

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokol li jemenda l-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Numru 158/2001 tal-11 ta' Diċembru 2001 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/53/KE ta' l-10 ta' Lulju 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE dwar apparat tal-baħar ([2]) għandu jiddaħħal f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt numru 56d (Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE) ta' L-Anness XIII tal-Ftehim:

"– **32001 L 0053**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/53/KE ta' l-10 ta' Lulju 2001 (ĠU L 204, tat-28.7.2001, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2001/53/KE fl-ilsna ta' l-Islanda u tan-Norveġja, li għandhom jiġu ppublikati fil-qasam Supplimentari tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2001, jekk in-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 65, tas-7.3.2002, p. 36.
([2]) ĠU L 204, tat-28.7.2001, p. 1.
(*) L-ebda ħtiġiet konstituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsima taż-ŻEE ta', u fil-parti Supplimentari taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Frar 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND